**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Frar, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Rittmar Hatherly**

**Maria Theresa Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

Rittmar Hatherly detentur tal-karta tal-identita 363987(M); u

Maria Theresa Mifsud u detentrici tal-karta tal-identita 478584(M)

Akkuzati talli, f' dawn il-Gzejjer, nhar it- 23 ta` Jannar 2017 bejn l-kwarta ta` filghodu u s-siegha neqsin kwart ta` filghodu (12:15a.m- 12:45a.m) f`dawn il-Gzejjer, gewwa l-Eden Carpark, Triq Santu Wistin, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Volontarjament, hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe` vettura tal-ghamla Ford, numru ta` registrazzjoni GVP588 liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin Euro (Euro 250) u dan ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta u/jew l-Kummissarju tal-Pulizija u/jew entitajiet ohra (Art 325 (1)(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

2. Akkuzati aktar talli fl istess data, post, hin u cirkostanzi m' obdewx l-ordnijiet legittimi ta` l-awtorita jew ta` min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom. (Art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrifjutaw jaghtu, jew taw falz, lil ufficjali pubblici jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom, isimhom, kunjomhom, fejn joqghodu u partikolaritajiet ohra. (Art 338 (g) kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, post, hin u cirkostanzi f` lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu jinsabu fis-sakra (Art 338 (ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

5. Lil Rittmar Hatherly wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b` hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti. (Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma projbita imsemmija fi Skeda 1 (Art 3) 8 tal-Kap 480

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta` dak is-servizz. (Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

8. Lil Maria Theresa Mifsud akkuzata wahedha talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamlet offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta` dak is-servizz. (Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

9. Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li kkoperaw fl-kors tal-investigazzjonijiet, kif ukoll il-fatt li skuzaw ruhhom ghall-akkadut u li lesti jhallsu ghall-hsarat kkawzati minnhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17,325(1)(c ), 338(ee), 338(g), 338(ff), 95 u 96 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti issib lill-imputat Rittmar Hatherly hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum u multa ta’ erbat elef Ewro (€4000).

Wara li rat l-Artikoli 17, 325(1)(c), 338(ee), 338(g), 338(ff) u 95 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputata Maria Theresa Mifsud hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ tnax (12) –il xahar millum kif ukoll multa kumplessiva ta’ elf Ewro (€1000).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga mmarkata bhala Dok. NC1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**Magistrat**